MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1152/1994/1

**Sylvia Degiorgio u zewgha Emanuel;**
**Emanuel Agius u martu Ludgarda;**
**Emanuel sive Noel Bellotti.**

**Vs**

**Massimiliano Da Crema, u b' digriet tat-13 ta' Frar 1996 l-Avukat Dr. Joselle Farrugia u l-P. L. Gerald Bonello gew nominati Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-konvenut assenti; u b' digriet tal-10 ta' Marzu 1998 Dr. Joselle Galea giet sostitwita b' Dr. Paul J. Farrugia bhala kuratur deputat;**
**U b' digriet tas-17 ta' Dicembru 1996 is-socjeta` Elmo Insurance Services Limited, in rapprezentanza tas-socjeta` estera Sun Alliance & London Insurance plc giet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis* fil-kawza.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-14 ta’ Settembru 1994 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti u tar-regoli ta’ komportament mistenni da parti tal-konvenut u dan b’ dannu ta’ l-atturi, gew kagunati danni meta l-istess konvenut fil-Marsa, fit-3 ta’ Settembru 1994, ghal xi 3:30 a.m. waqt li kien qed isuq il-karozza X – 5767 habat mal-vettura ta’ l-attur Emanuel Agius, li fiha kienu rekbin ukoll Sylvia Degiorgio u Emanuel sive Noel Bellotti, u dan meta l-istess konvenut kien qed isuq bla kont, b’ manjiera perikoluza, u kontra l-linja tat-traffiku ghal dik il-lokalita`;

Premess illi dawn id-danni kemm bhala danni emergenti u kemm bhala *lucrum cessans*, jikkonsistu fil-hsara permanenti fuq il-persuna ta’ l-atturi Degiorgio u Bellotti, u fil-hsara fil-vettura ta’ l-attur Emanuel Agius;

Premess illi minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm risarciment mill-konvenut;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli tad-danni sofferti mill-atturi meta l-istess konvenut fil-Marsa, fit-3 ta’ Settembru 1994, ghal xi 3:30 a. m. waqt li kien qed isuq il-karozza X – 5767 habat mal-vettura ta’ l-attur Emanuel Agius, f’ liema habta weggghu gravi l-atturi Sylvia Degiorgio u Emanuel sive Noel Bellotti, u dan meta l-istess konvenut kien qed isuq bla kont, b’ manjiera perikoluza, u kontra l-linja tat-traffiku ghal dik il-lokalita`;

2. Tillikwida d-danni kagjonati, jekk hemm bzonn permezz ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tad-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut; inkluzi l-ispejjez ohra tal-mandati ta’ impediment tas-safar kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta’ l-Avukat Dottor Joselle Farrugia u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello nominati b’ digriet tat-13 ta’ Frar 1996 bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Massimiliano Da Crema, li permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, wara li jikkomunikaw mal-konvenut;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess kuraturi deputati, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat id-digriet ta’ l-4 ta’ Gunju 1996 li permezz tieghu gew nominati Dr. Yana Micallef Stafrace u d-Dentist Professur John Portelli bhala esperti gudizzjarji sabiex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tat-talba attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tal-5 ta’ Novembru 1996 li permezz tieghu gie nominat ukoll Dr. Frederick Zammit Maempel bhala espert mediku;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Dicembru 1996 li permezz tieghu gie awtorizzat l-intervent fil-kawza *in statu et terminis* tas-

socjeta` Elmo Insurance Services Limited in rapprezentanza tas-socjeta` estera Sun Alliance & London Insurance plc;

Rat ir-relazzjonijiet ta' l-esperti nominati Dr. Frederick Zammit Maempel, Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Professur John Portelli li jinsabu a fol. 189 *et seq.*, fol.195 *et seq.* u fol. 214 *et seq.* rispettivament u li gew minnhom debitament konfermati;

Rat id-digriet tat-12 ta' Gunju 2002 li permezz tieghu gew nominati l-Prof. Hector Galea, il-Prof. George Camilleri u Dr. Mark Chetcuti bhala periti addizzjonali bis-soliti fakoltajiet;

Rat ir-relazzjonijiet ta' l-imsemmija periti addizzjonali li jinsabu a fol. 231 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2003;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Din l-istanza tirrigwarda incident tat-traffiku li sehh fil-Marsa fit-3 ta' Settembru 1994 u li fih kienu ko-involti l-vettura proprjeta` ta' l-atturi konjugi Agius, izda li fil-mument tal-habta kienet misjuqa mill-attur Noel Bellotti, u l-vettura misjuqa mill-konvenut. L-attrici Sylvia Degiorgio kienet *front seat passenger* fil-vettura misjuqa mill-attur Bellotti fil-mument li l-karozza tal-konvenut giet ghal fuqhom kontra l-"*one* way";

B' rizultat ta' dan l-incident il-vettura tal-konjugi Agius giet reza "*beyond economical repair*" (ara *survey report* ta'

Joseph Zammit a fol. 43) u l-atturi l-ohra sofrew griehi personali. Dan kif minnhom rakkontat fil-kaz ta’ Noel Bellotti a fol. 48, u fil-kaz ta’ Sylvia Degiorgio a fol. 54. Huma sostenuti f’ dan minn numru ta’ certifikati u rapporti medici esebiti minn fol. 51 sa fol. 53 u minn fol. 58 sa fol. 67;

Dwar ir-responsabilita` ghall-incident l-ewwel perit legali askriviet il-htija shiha lill-konvenut. Ma’ din l-konkluzjoni, wara li qieset ir-rizultanzi processwali, din il-Qorti tikkonkorda pjenament maghha. Mhux biss ghaliex din ma gietx ikkontrastata izda wkoll ghall-fatt li kif jirrizulta kjarament mir-*res gestae* ta’ dan l-incident, senjatament ir-*Road Accident Report* (fol. 84), l-okkorrenza (fol. 88), u d-deposizzjoni ta’ PS 768 Silvio Brincat (fol. 88), il-konvenut effettivament kien qed isuq “*wrong way*”;

L-ewwel grupp ta’ periti medici li ezaminaw lill-atturi Degiorgio u Bellotti stabbilew illi mil-lat ortopediku fil-kaz ta’ Degiorgio din kienet ghadha sofferenti minn lezjoni f’ daharha konsistenti fi spostament ta’ rukkell u hsara ta’ kuxxinett (ara rapport a fol. 191) ghal liema attribwixxa persentagg ta’ hmistax fil-mija (15%) bhala dizabilita` permanenti. Fil-kaz ta’ l-attur Bellotti tali dizabilita` permanenti giet invece eskluza;

L-ezami dentali, minn naha tieghu, irrileva illi l-attrici Degiorgio soffriet debilita` ta’ ghoxrin fil-mija (20%) b’ rizultat tad-difformita` fis-simmetrija tal-wicc konsegwit minn ksur fil-parti nferjuri tax-xedaq. Kwantu ghall-attur Bellotti dan l-istess ezami ta, fil-fehma ta’ l-espert li ezaminah il-Prof. Dentist John Portelli, rizultat ta’ hamsa fil-mija (5%) bhala dizabilita;

Iz-zewg atturi gew imbaghad ri-ezaminati mit-tieni grupp ta’ esperti medici ghalkemm f’ dan il-kaz limitatament mill-perspettiva tal-lezjonijiet dentali;

Huma kkonkludew illi filwaqt li fil-kaz ta' l-attrici Sylvia Degiorgio l-istima ta' 20% raggunta mill-ewwel espert dentali kienet "*fair and reasonable*", fil-kaz ta' l-attur Noel Bellotti kien jibbasta trattament operattiv li jirristawra l-"*maxillary incisor tooth missing and the alveolar bone in the area*". Huma jsostnu li spiza bhal din kienet tammonta ghal elf u sitt mitt lira (Lm1600) li maghha aggungew somma ekwivalenti biex tkopri eventwalita` ta' xi insuccess u ta' "*monitoring*" fil-futur;

Mir-rizultanzi peritali ta' l-esperti legali jirrizulta illi dawn, fuq ir-rizultanzi medici ottenuti, jinsabu f' diskordanza fuq il-metodu tal-likwidazzjoni adoperat minnhom;

Il-kriterju adottat mill-ewwel perit legali hu mfassal fuq dan il-binarju:

(1) Fir-rigward ta' l-attrici Sylvia Degiorgio hi assommat iz-zewg persentaggi ta' l-esperti medici b' mod li attribwitilha rata ta' dizabilita` ta' hamsa u tletin fil-mija (35%);

(2) Lil din l-attrici kkalkolatilha mbaghad telf ta' *potential earnings* ta' erbat elef lira (Lm4000) fis-sena u *multiplier* ta' ghoxrin (20) sena;

(3) Fil-kaz ta' l-attur Noel Bellotti, accettata l-percentwali ta' dizabilita` ta' l-espert dentali, hadet in konsiderazzjoni ghal finijiet tal-likwidazzjoni telf ta' qliegh ta' hamest elef lira (Lm5000) fis-sena u *multiplier* ta' hamsa u tletin (35) sena;

It-tieni perit legali jikkritika l-komputazzjoni li saret mill-ewwel perit legali fis-sens infraskritt:

(a) Huwa jirrileva qabel xejn illi kellu jigi adoperat dak maghruf bhala "*weighted average*" fil-kaz tal-persentaggi ta' dizabilita` fir-rigward ta' l-attrici Sylvia Degiorgio. Isostni, u dan mhux skorrettament, illi meta wiehed jikkomputa d-dizabilita` totali din trid tigi

konsiderata in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda presunzjoni a priori li multiplicita` ta' feriti jigu komputati komplessivament. Fil-fehma tieghu, li ma tistax titqies logikament vizzjata, f' kazijiet simili ghandu jittiehed bilanc fir-rizultanzi ta' l-esperti medici biex dan ikun jirrifletti ahjar is-sitwazzjoni reali. Biex wasal ghal dan il-hsieb jiehu spunt mid-decizjoni "**Mark Caruana –vs- Grazio Camilleri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1993 li rriteniet, b' adozzjoni ta' l-insenjament f' "**Butler –vs- Heard**", (Appell Civili, 22 ta' Dicembru 1967), illi "dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' nkapacita` f' sens purament mediku, izda l-effetti li l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat". Fuq il-bazi ta' dan ir-ragjonament huwa rreduca r-rata ta' dizabilita` adottata mill-ewwel perit ghal hamsa u ghoxrin fil-mija (25%);

(b) Fil-kaz ta' din l-attrici, imbaghad, huwa rriduca ulterjorment kemm il-*quantum* tal-qliegh kif ukoll il-*multiplier* biex wasal ghal kalkolu kompensattiv dovut lilha;

(c) Hekk ukoll ghamel fil-kaz ta' l-attur Noel Bellotti, bid-differenza wkoll illi huwa ma accettax il-konkluzjonijiet ta' l-esperti medici addizzjonali u invece opta ghal persentagg ta' hamsa fil-mija (5%) raggunt mill-ewwel espert dentali;

Posta l-kwestjoni fattwali ta' dan l-infortunju stradali u l-argomenti l-aktar indikattivi kaptati mir-rizultanzi peritali, l-aktar fir-rigward tal-kompensazzjoni tal-lezjonijiet riportati, l-atturi filwaqt li ddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghall-konkluzjoni ta' l-esperti addizzjonali, mhux l-istess jista' jinghad fil-kaz tas-socjeta` assiguratrici intervenjenti fil-gudizzju;

Limitatament ghall-kaz ta' l-attur Noel Bellotti din is-socjeta` kkontendiet illi fuq il-bazi tal-ligi taghna l-kumpens ghal danni hu korrelatat mad-dizabilita` sofferta. Hi ssostni illi r-rata ta' hamsa fil-mija (5%) ghal telf ta' sinna hi esagerata u li allura fil-kaz partikolari kien jinhass aktar gust illi jintlaqa' s-suggeriment ta' l-esperti medici addizzjonali;

Fl-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili nsibu specifikat *inter alia* illi fil-konsiderazzjoni tad-danni wiehed irid jiehu qies fil-kaz tad-danneggjat tat-"telf ta' qliegh li tbati l-quddiem minhabba nkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib". Kliem dawn li kif elokwentement gie osservat "juru l-meta bla ma juru t-triq sabiex bniedem jasal ghaliha hlief bil-mod succint fis-subparagrafu (2) ta' l-Artikolu 1088 (illum 1045) tal-Kodici Civili" (**Vol. XXXIII P II p 1**). Subinciz dan li bl-uzu tal-kliem generici tieghu jhalli bosta fid-diskrezzjoni tal-gudikant;

Ghal dak li hi l-mizura tad-danni kieku kellhom jigu distillati l-bosta decizjonijiet fir-rigward, apparti l-bosta tentattivi li saru mal-milja taz-zmenijiet biex jigi mfittex il-kriterju tal-kalkolu l-aktar adattat u adegwat, insibu li t-temi l-aktar rikorrenti fihom jorbitaw ma' l-aspetti tac-cirkostanzi tal-kaz partikolari (sostrat principali dan tas-subinciz 2 ta' l-Artikolu 1045), l-kondizzjoni ta' min sofra d-dannu, ic-"*chances and changes of life*", elementi innovattivi li jikkollokaw il-kumpens dovut ma' l-aspettattivi tal-hajja lavorativa u "*fair and reasonable compensation*";

Jista' jinghad ukoll illi f' din l-istess gurisprudenza ma nsibu l-ebda kompensazzjoni perfetta. Dan johrog bic-car anke minn din l-osservazzjoni ta' dina l-Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet "**Louis Vincenti *nomine et* –vs- Carmelo Micallef**", 17 ta' Gunju 1961 (**Vol. XLV P II p 680**):-

"Perfezzjoni aritmetika jew pjena u kompleta *ad unguem* fil-kumpens ma tistghax tigi pretiza, imma tista' tinghata dik biss li l-Inglizi jsejhu '*fair and reasonable compensation*' derivanti mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li umanament hija possibbli."

Kif gja fuq inghad, del resto ravvizat ukoll f' bosta sentenzi, "din id-disposizzjoni necessarjament u logikament thalli hafna fid-diskrezzjonali prudenzjali tal-gudikant" ("**Joseph Borg –vs- Dr. Antonio Valenzia nomine**", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Gunju 1972;

"**Bugeja –vs- Borg**", Prim' Awla, Qorti Civili, 11 ta' Mejju 1983);

Issa hu principju gwida regolanti materja ta' rizarciment ta' danni illi min isofri dannu ghandu jigi re-integrat f' dak li jkun tilef b' konsegwenza ta' l-event dannuz u mhux dak li jiehu vantagg meta dan ikun indebitu jew mhux misthoqq;

Fil-kaz ta' l-attur Noel Bellotti d-danni reali jikkonsistu fit-telf ta' sinna u ghalkemm, bhal perit legali addizzjonali, tirrikonoxxi illi l-lezjoni giet kawzata lilu b' ghemil tat-terz, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi konsiderati "c-cirkostanzi tal-kaz" ikun aktar gust u ekwu jekk il-likwidazzjoni tad-danni fil-kaz tieghu tigi stabbilita kif operata fir-relazzjoni tal-periti medici addizzjonali. Tali likwidazzjoni mhix biss ghandha titqies "*fair and reasonable*" kif affermaw l-istess periti medici fir-rapport taghhom (fol. 245) izda hi wkoll bhala konsiderazzjoni ta' dritt konformi ghad-dispost tal-ligi (Artikolu 1045 (2), Kapitolu 16) in materja;

Salv il-premess din il-Qorti kwantu ghall-kumplament ser tadopera u taghmel taghha r-rizultanzi peritali tat-tieni espert legali. Dan fis-sens illi l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-*damnum emergens* versu l-atturi konjugi Agius fl-ammont ta' elf u mitt lira (Lm1100) ghall-hsarat subiti mill-vettura proprjeta` taghhom fl-incident in diskussjoni;

Hekk ukoll ghandu jaghmel tajjeb ghall-hlas ta' hdax-il elf mitejn u hamsin lira (Lm11,250) rizarciment ghal *lucrum cessans* dovut lill-attrici Sylvia Degiorgio u kwantu ghal erba' mija u disghin lira (Lm490) f' danni reali dovuti lill-istess attrici ghal spejjez medici, telf ta' flus kontanti u oggetti tad-deheb;

Finalment il-konvenut ghandu jirrizarcixxi wkoll lill-attur Noel Bellotti s-somma ta' tlett elef u mitejn lira Maltija (Lm3200). Dan bl-adozzjoni tar-rapport ta' l-esperti dentali addizzjonali.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tiddikjara li l-konvenut kien unikament fi htija ghall-incident stradali li sehh gewwa l-Marsa fit-3 ta' Settembru 1994;

Tilqa' t-tieni domanda billi tillikwida d-danni li ghandhom jithallsu mill-konvenut lill-atturi bil-mod segwenti u cjoe (i) elf u mitt lira Maltija (Lm1100) lill-atturi mizzewgin Agius ghall-hsarat fil-vettura proprjeta` taghhom numru ta' registrazzjoni G – 2184; (ii) hdax-il elf seba' mija u erbghin lira Maltija (Lm11740) lill-attrici Sylvia Degiorgio ghal *damnum emergens* u *lucrum cessans*; u (iii) tlett elef u mitejn lira Maltija (Lm3200) lill-attur Noel Bellotti ghal-lezjoni personali minnu subita;

Tilqa' konsegwentement it-tielet talba u b' hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi partikolari l-ammonti fuq imsemmija in linea ta' danni.

L-ispejjez tal-prezenti procedura ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------